

Brussell, 25 ta' April 2022
(OR. en)

8332/22

**Fajl Interistituzzjonali:
2022/0130(COD)**

**JAI 507
COPEN 132
EUROJUST 40
CODEC 518**

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	25 ta' April 2022
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2022) 187 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1727 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tal-ġbir, il-preservazzjoni u l-analiżi ta' evidenza relatata ma' ġenoċidju, delitti kontra l-umanità u delitti tal-gwerra fil-Eurojust

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2022) 187 final.

Mehmuż: COM(2022) 187 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 25.4.2022
COM(2022) 187 final

2022/0130 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1727 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tal-ġbir, il-preservazzjoni u l-analiżi ta' evidenza relatata ma' ġenoċidju, delitti kontra l-umanità u delitti tal-gwerra fil-Eurojust

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust) tikkoordina l-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet ta' kriminalità transfruntiera serja fl-Ewropa u lil hinn minnha. Bħala ċ-ċentru tal-Unjoni Ewropea għall-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, il-Eurojust tappoġġa lill-awtoritajiet nazzjonali tal-investigazzjoni u tal-prosekuzzjoni fir-rigward ta' delitti li l-Eurojust hija kompetenti biex tittrattahom f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1727 ("ir-Regolament dwar il-Eurojust"). Fost l-oħrajn, il-ġenoċidju, id-delitti kontra l-umanità u d-delitti tal-gwerra (imsejħa wkoll kollettivament bħala "reati kriminali internazzjonali l-aktar serji") huma delitti li l-Eurojust hija kompetenti biex tittrattahom.

Fl-24 ta' Frar 2022, ir-Russja bdiet aggressjoni militari kontra l-Ukrajna. Hemm bażi raġonevoli biex wieħed jemmen li fl-Ukrajna twettqu u qed jitwettqu delitti tal-gwerra u delitti kontra l-umanità. Fit-2 ta' Marzu 2022, il-Prosekutur tal-Qorti Kriminali Internazzjonali ħabbar li kien ipproċeda biex jibda investigazzjoni dwar is-sitwazzjoni fl-Ukrajna¹. Is-servizzi ta' prosekuzzjoni f'bosta Stati Membri kif ukoll fl-Ukrajna bdew ukoll investigazzjonijiet ta' reati kriminali internazzjonali l-aktar serji, li huma appoġġati u kkoordinati mill-Eurojust. Il-Eurojust għandha l-għarfien espert u l-esperjenza biex tappoġġa l-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet ta' reati kriminali l-aktar serji, inkluż billi tiffaċilita l-attivitajiet tal-Iskwadri ta' Investigazzjoni Konġunti (SIK), bħal dik stabbilita minn xi Stati Membri u mill-Ukrajna fil-kuntest tal-ostilitajiet attwali. Il-Eurojust tikkoopera wkoll mal-Prosekutur tal-Qorti Kriminali Internazzjonali.

L-awtoritajiet nazzjonali qed jiġbru evidenza tad-delitti internazzjonali li setgħu twettqu fl-Ukrajna. Minħabba l-ostilitajiet li għaddejjin, l-evidenza ma tistax tinħażen b'mod sigur fl-Ukrajna, u tirrikjedi li l-Unjoni tiżgura b'mod urġenti post ta' riżerva/ħżin. Għalhekk, sabiex jiġu kkoordinati l-isforzi li bħalissa qed isiru mill-Istati Membri biex jiġbru l-evidenza, jeħtieġ li jiġi stabbilit malajr maħżen ċentrali, fejn tkun tista' tinħażen l-evidenza miġbura mill-aġenziji u l-korpi tal-Unjoni kif ukoll mill-awtoritajiet nazzjonali u internazzjonali jew minn partijiet terzi bħal organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Madankollu, filwaqt li r-Regolament dwar il-Eurojust jipprevedi li l-Eurojust tappoġġa l-azzjoni tal-Istati Membri fl-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' delitti serji, huwa ma jippermettix b'mod espliċitu lill-Eurojust tiġbor, tippreserva u tanalizza tali evidenza fir-rigward ta' dan l-iskop.

Sabiex twettaq il-kompiti tagħha, il-Eurojust stabbiliet sistema ta' ġestjoni tal-każijiet, li fiha *data* mhux personali u *d-data* personali msemmija fl-Anness II tar-Regolament dwar il-Eurojust. Is-sistema ta' ġestjoni tal-każijiet prinċipalment għandha l-għan li tappoġġa l-ġestjoni u l-koordinazzjoni ta' investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet li l-Eurojust tipprovdi assistenza għalihom. Ir-Regolament dwar il-Eurojust jirrestrinġi l-istruttura tas-sistema ta' ġestjoni tal-każijiet għal fajls ta' ħidma temporanji, bl-għan li tappoġġa s-segwitu ta' każijiet li jkun pendenti, u indici². L-ipproċessar ta' *data* personali barra mis-sistema ta' ġestjoni tal-każijiet huwa pprojbit³. Waqt li tkun qed tikkoordina u tappoġġa investigazzjonijiet u

¹ Dikjarazzjoni tal-Prosekutur tal-QKI, Karim A.A. Khan QC, dwar is-Sitwazzjoni fl-Ukrajna: Riċeviment ta' Riferimenti minn 39 Stat Parti u l-Ftuħ ta' Investigazzjoni, 2 ta' Marzu 2022.

² L-Artikolu 23(1) tar-Regolament dwar il-Eurojust.

³ L-Artikolu 23(6) tar-Regolament dwar il-Eurojust.

prosekuzzjonijiet, il-Eurojust tista' temporanjament taħżen u tiskambja evidenza f'konformità mar-regoli stabbiliti fir-Regolament.

Il-Kummissjoni diġà pproponiet li ttejjeb l-istruttura attwali tas-sistema ta' ġestjoni tal-każijiet tal-Eurojust fir-rigward tal-attivitajiet tal-Eurojust li jikkonċernaw investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet ta' reati terroristiċi. Fit-1 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni adottat proposta biex ittejjeb il-funzjonament tar-Reġistru Ġudizzjarju Ewropew Kontra t-Terroriżmu fil-Eurojust⁴. Bħala parti minn dik il-proposta, huma previsti l-modernizzazzjoni tas-sistema ta' ġestjoni tal-każijiet u d-diġitalizzazzjoni tal-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u l-Eurojust.

L-avvenimenti reċenti marbuta mal-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna wrew ukoll il-ħtieġa urġenti li wieħed imur lil hinn mis-sistema eżistenti ta' ġestjoni tal-każijiet tal-Eurojust. L-arkitettura attwali tal-ipproċessar tad-*data* fil-Eurojust ma tippermettix lill-Eurojust tiġbor, tippreserva u tanalizza evidenza relatata ma' reati kriminali internazzjonali l-aktar serji, inklużi dawk li x'aktarx qed isiru fl-Ukrajna, minħabba l-iskala tal-avvenimenti u l-ammont vast ta' evidenza li jeħtieġ li tinħażen f'każ li jitwettqu tali reati.

F'dan l-isfond, din il-proposta għandha l-għan li tippermetti lill-Eurojust tiġbor, tippreserva u tanalizza evidenza fir-rigward ta' ġenoċidju, delitti kontra l-umanità, delitti tal-gwerra u reati kriminali relatati u, meta jkun meħtieġ u xieraq, tippermetti l-iskambju tagħha jew inkella tagħmilha disponibbli għall-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti, nazzjonali jew internazzjonali. Il-ġbir tal-evidenza ma jfissirx li l-Eurojust tingħata rwol eżekuttiv bħala awtorità investigattiva, li ma jkunx kopert mill-mandat tal-Eurojust, iżda huwa maħsub biex jiżgura li l-Eurojust tkun tista' tirċievi u taħżen b'mod ċentrali l-evidenza minn sorsi differenti. Billi tagħmel hekk, il-Eurojust tista' tappoġġa l-ħidma ta' bini ta' każijiet f'investigazzjonijiet nazzjonali u internazzjonali b'mod aktar effettiv u tipprovdi appoġġ addizzjonali lis-servizzi ta' prosekuzzjoni kompetenti. Bl-għan li dan isir, din il-proposta tipprevedi l-istabbiliment ta' faċilità awtomatizzata għall-ġestjoni u l-ħżin tad-*data* barra mis-sistema ta' ġestjoni tal-każijiet. Fid-dawl tan-natura sensittiva tad-*data* personali involuta, l-ipproċessar tagħha, inkluż il-ġbir, il-preservazzjoni, l-analiżi u l-iskambju, irid ikun konformi mal-ogħla standards tal-protezzjoni tad-*data* u ċ-ċibersigurtà.

Evidenza kruċjali dwar reati kriminali internazzjonali l-aktar serji normalment tkun disponibbli fil-forma ta', fost l-oħrajn, awdjoregistrazzjonijiet, filmati u ritratti. L-immaġnijiet satellitari jistgħu wkoll ikunu utli biex juru t-tweġiq ta' dawn ir-reati. Għal din ir-raġuni, din il-proposta għandha l-għan ukoll li testendi l-kategoriji ta' *data* li l-Eurojust tista' tipproċessa legalment għall-filmati u l-awdjoregistrazzjonijiet kif ukoll għall-immaġnijiet satellitari u kwalunkwe ritratt rilevanti. Bil-ħsieb li l-awtoritajiet ġudizzjarji nazzjonali u internazzjonali jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-appoġġ sħiħ li l-Eurojust tista' tipprovdi fl-investigazzjonijiet li għaddejjin ta' reati kriminali internazzjonali l-aktar serji fil-kuntest tal-aggressjoni kontra l-Ukrajna, l-emendi għar-Regolament dwar il-Eurojust previsti f'din il-proposta jeħtieġ li jiġu promulgati b'mod urġenti.

⁴ Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1727 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/671/ĠAI, fir-rigward tal-iskambju ta' informazzjoni diġitali f'każijiet ta' terroriżmu, COM(2021) 757 final, 1.12.2021.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Il-proposta tikkontribwixxi biex jintlaħaq l-għan li ċ-ċittadini tal-Unjoni jiġu offruti spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja mingħajr fruntieri interni, fejn jittieħdu miżuri xierqa għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità.

Il-proposta ġiet adottata wara l-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna hekk kif malajr sar evidenti li l-qafas legali attwali tal-Eurojust ikun jeħtieġ emendi mmirati biex il-Eurojust tkun tista' tissodisfa bl-aħjar mod l-oġġettivi li tappoġġa u ssaħħa il-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali ta' investigazzjoni u ta' prosekuzzjoni fir-rigward ta' reati kriminali internazzjonali l-aktar serji mwettqa minn partijiet fil-konflitt.

Il-proposta ssegwi l-proposta biex jiġu emendati r-Regolament dwar il-Eurojust u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/671/ĠAI fir-rigward tal-iskambju ta' informazzjoni diġitali f'każijiet ta' terroriżmu, li ġiet adottata fl-1 ta' Diċembru 2021. Iż-żewġ proposti għandhom l-istess oġġettiv li jippermettu lill-Eurojust tissodisfa r-rwol aktar b'saħħtu tagħha previst fir-Regolament dwar il-Eurojust fl-appoġġ u t-tiżiħ tal-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali tal-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' delitti serji.

Iż-żewġ proposti huma komplementari peress li jikkonċernaw forom differenti ta' reati kriminali (reati kriminali internazzjonali l-aktar serji u reati terroristiċi) u jipprevedu bidliet differenti fl-arkitettura tal-ipproċessar tad-*data* tal-Eurojust. Il-proposta dwar ir-Reġistru Kontra t-Terroriżmu għandha l-għan li tintegra aħjar Reġistru tali fil-qafas legali u tekniku tal-Eurojust sabiex il-Eurojust tkun tista' tidentifika r-rabtiet bejn investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet simultanji ta' reati terroristiċi. Din il-proposta għandha l-għan li tippermetti lill-Eurojust tiġbor, tippreserva, tanalizza u, meta jkun meħtieġ u xieraq, tiskambja evidenza ta' reati kriminali internazzjonali l-aktar serji billi tipprevedi l-istabbiliment ta' faċilità awtomatizzata għall-ġestjoni u l-ħżin tad-*data* barra mis-sistema ta' ġestjoni tal-każijiet. In-negozjati u t-test tal-proposta dwar ir-Reġistru Kontra t-Terroriżmu jeħtieġ li jiġu allinjati mal-proposta preżenti.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Ir-reazzjoni tal-Unjoni għall-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja kienet tikkonċerna bosta politiki tal-Unjoni. Pereżempju, l-Unjoni adottat malajr pakkett komprensiv u robust ta' miżuri restrittivi. Hija waqfet tittratta lir-Russja bħala nazzjon l-aktar iffavorit fil-qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ u ħabbret pakkett ta' emerġenza ta' kważi EUR 550 miljun biex tittratta l-konsegwenzi umanitarji tal-invażjoni. Dawn l-azzjonijiet kollha, kif ukoll din il-proposta, għandhom l-għan li jiżguraw li l-Unjoni tkun mġhammra b'għodod adegwati biex tindirizza, b'rispett sħiħ għall-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali, il-konsegwenzi tal-aggressjoni militari tar-Russja kontra l-Ukrajna (inkluża r-responsabbiltà kriminali għar-reati kriminali l-aktar serji mwettqa fil-kuntest tal-kunflitt). L-għan aħħari ta' dawn l-azzjonijiet kollha huwa li terġa' tinkiseb il-paċi, li l-promozzjoni tagħha hija l-ewwel fost l-oġġettivi tal-Unjoni.

Il-proposta hija konsistenti mar-rwoli komplementari tal-Europol u l-Eurojust. Il-Europol tappoġġa u ssaħħa l-azzjoni mill-awtoritajiet kompetenti tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u l-kooperazzjoni reċiproka tagħhom fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-ġenoċidju, id-delitti kontra l-umanità u d-delitti tal-gwerra, filwaqt li l-Eurojust għandha rwol simili fil-konfront tal-awtoritajiet ġudizzjarji. Il-Europol stabbiliet ukoll il-“Proġett ta' Analiżi tar-Reati Kriminali Internazzjonali l-Aktar Serji”. Permezz tal-istabbiliment ta' dan il-Proġett ta' Analiżi, il-Europol għandha l-għan li tappoġġa lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, lil Partijiet terzi u lill-organizzazzjonijiet fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra delitti internazzjonali bħall-ġenoċidju, id-delitti kontra l-umanità u d-delitti tal-gwerra, pereżempju

billi tanalizza informazzjoni u intelligence dwar tali delitti. Il-Eurojust u l-Europol ser jikkoordinaw u jikkooperaw flimkien fil-kuntest tal-mandati rispettivi tagħhom, inkluż billi jagħornaw il-ftehim operazzjonali li ffirmaw fl-2010 sabiex iżidu l-effettività tagħhom fil-ġlieda kontra d-delitti serji, li hija fil-kompetenzi rispettivi tagħhom, u biex tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-ħidma u r-riżorsi.

Il-proposta tqis ukoll u tirrispetta bis-sħiħ l-acquis tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-*data*.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

• Bażi ġuridika

Il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 85 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). L-Artikolu 85 TFUE huwa l-bażi ġuridika għar-Regolament dwar il-Eurojust, li din il-proposta għandha l-għan li temenda. L-Artikolu 85 TFUE jipprevedi li l-Eurojust tkun irregolata minn regolament li jrid jiġi adottat f'konformità mal-proċedura leġislattiva ordinarja. Ir-Regolament dwar il-Eurojust jiffissa r-regoli dwar l-istabbiliment u l-funzjonament tas-sistema ta' ġestjoni tal-każijiet tal-Eurojust.

• Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)

L-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, li din il-proposta qed tiġi adottata fil-kuntest tiegħu, huwa qasam ta' kompetenza kondiviża bejn l-Unjoni u l-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 4(2) TFUE. Għalhekk, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà stabbilit fl-Artikolu 5(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), jenħtieġ li azzjoni fil-livell tal-Unjoni tittieħed biss meta l-għanijiet tal-azzjoni proposta ma jkunux jistgħu jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jistgħu għalhekk, minħabba l-iskala jew l-effetti tal-azzjoni proposta, jinkisbu aħjar fil-livell tal-UE.

Ir-reati kriminali internazzjonali l-aktar serji, anke meta jitwettqu f'pajjiż wieħed biss u barra mill-Unjoni, għandhom implikazzjonijiet wisgħin għas-sigurtà u l-istabbiltà Ewropea u globali. F'konformità mal-prinċipju ta' komplementarjetà, meta Stat ma jkunx irid jew ma jkunx jista' ġenwinament iwettaq l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' dawn id-delitti minkejja li jkun kompetenti biex jagħmel hekk, il-Qorti Kriminali Internazzjonali tista' tinvestiga u ttiproċedi kontra t-trażgressuri ta' tali delitti, dment li jkollha l-ġurisdizzjoni.

Għalhekk, azzjoni fil-livell nazzjonali biss ma tistax tiżgura l-prosekuzzjoni tar-reati kriminali internazzjonali l-aktar serji b'mod effettiv. Hemm bżonn li l-Istati Membri jaħdmu flimkien biex jinvestigawhom u jipproċedu kontra t-trażgressuri u jindirizzaw sfidi komuni. Fost dawn tal-aħħar, l-isfidi marbuta mal-ġbir, il-preservazzjoni u l-analiżi ta' evidenza relatata mar-reati kriminali internazzjonali l-aktar serji huma prominenti, u l-istess jgħodd għal dawk li jikkonċernaw l-aċċess għal tali evidenza u l-iskambju tagħha minn awtoritajiet nazzjonali u internazzjonali li jistgħu jinvestigaw u jipproċedu kontra t-trażgressuri tar-reati ikkonċernati. Bħala l-aġenzija tal-Unjoni għall-kooperazzjoni fil-ġustizzja kriminali, il-Eurojust hija espressjoni qawwija ta' dan l-isforz mill-Istati Membri biex iressqu lill-awturi ta' dawn id-delitti faħxija quddiem il-ġustizzja billi jaħdmu flimkien. Il-Eurojust tinsab f'pożizzjoni ideali biex tiġbor, tippreserva u tanalizza tali evidenza u, meta jkun meħtieġ u xieraq, tippermetti l-iskambju tagħha jew inkella tagħmilha disponibbli għall-awtoritajiet ġudizzjarji nazzjonali jew internazzjonali kompetenti, inkluża l-Qorti Kriminali Internazzjonali. F'konformità mar-Regolament dwar il-Eurojust, tali awtoritajiet ġudizzjarji jinkludu l-prosekuzzjoni.

Għalhekk hemm hteġġa speċifika għal azzjoni tal-Unjoni. Din il-proposta tipprevedi miżuri li għandhom dimensjoni intrinsika tal-Unjoni. Hija għandha l-għan li ttejjeb il-kapaċità tal-Eurojust li taġixxi u li tippermetti lill-Eurojust tissodisfa l-oġettiv ewlieni tagħha li tappoġġa

u ssaħħaħ il-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali tal-investigazzjoni u tal-prosekuzzjoni fir-rigward tal-ġenoċidju, id-delitti kontra l-umanità u d-delitti tal-gwerra. Dan l-oġġettiv jista' jintlaħaq biss fil-livell tal-Unjoni, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

- **Proporzjonalità**

F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità stipulat fl-Artikolu 5(4) TUE, hemm bżonn li n-natura u l-intensità ta' miżura partikolari jkunu jaqblu mal-problema identifikata. Il-problemi indirizzati f'din il-proposta jitolbu appoġġ fil-livell tal-Unjoni biex l-Istati Membri jindirizzaw dawn il-problemi b'mod effettiv. Il-proposta għandha l-għan li tiżgura li l-Eurojust, minbarra l-kompiti u s-setgħat attwali tagħha u mingħajr preġudizzju għalihom, tkun tista' wkoll tiġbor, tippreserva u tanalizza evidenza dwar ġenoċidju, delitti kontra l-umanità u delitti tal-gwerra u, meta jkun meħtieġ u xieraq, tiskambjaha jew inkella tagħmilha disponibbli għall-awtoritajiet ġudizzjarji nazzjonali u internazzjonali kompetenti, inkluża l-Qorti Kriminali Internazzjonali; għalhekk, hija ma tolqotx il-forom l-oħra kollha ta' delitti serji li l-Eurojust hija kompetenti li tittratta f'konformità mar-Regolament dwar il-Eurojust. Mingħajr l-emendi ssuġġeriti minn din il-proposta, il-Eurojust jaf ma tkunx tista' tissodisfa r-rwol ewlieni tagħha fl-appoġġ u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri fl-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati kriminali internazzjonali l-aktar serji.

Din il-proposta tintroduċi bidliet minimi għar-Regolament dwar il-Eurojust li ma jbidlux b'mod sinifikanti l-istruttura tiegħu u lanqas ma jalteraw il-funzjonament tal-Eurojust. Is-setgħat u l-kompiti attwali tal-Eurojust jibqgħu inaffettwati. L-emendi ssuġġeriti jsaħħu r-rwol tal-Eurojust kif diġà previst mir-Regolament u jqisu s-sensittività tad-*data* li trid tiġi pproċessata u l-ħtieġa li tiġi żgurata l-protezzjoni tagħha. Għalhekk, f'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, il-proposta ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dan l-oġġettiv.

- **Għażla tal-istrument**

Il-proposta temenda r-Regolament dwar il-Eurojust. L-Artikolu 85 TFUE huwa l-bażi ġuridika għar-Regolament dwar il-Eurojust u jipprevedi li l-Eurojust tkun irregolata minn regolament li jrid jiġi adottat f'konformità mal-proċedura leġislattiva ordinarja.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Il-Kummissjoni adottat din il-proposta b'mod urġenti wara diversi skambji – fuq bażi bilaterali jew fil-kuntest ta' laqgħat kollettivi – mal-Eurojust u mal-awtoritajiet nazzjonali involuti fl-investigazzjonijiet ta' reati kriminali internazzjonali l-aktar serji, kif ukoll ma' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u entitajiet oħrajn tal-Unjoni. Kollha kemm huma indikaw il-ħtieġa għal maħżen ċentrali tal-evidenza kif ukoll il-limitazzjonijiet attwali tas-sistema ta' ġestjoni tal-każijiet tal-Eurojust u l-impatt tagħhom fuq il-kapaċità tal-Eurojust li tappoġġa u ssaħħaħ il-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali tal-investigazzjoni u tal-prosekuzzjoni fir-rigward tar-reati kriminali internazzjonali l-aktar serji, inklużi dawk li jistgħu jitwettqu fil-kuntest tal-ostilitajiet attwali fl-Ukrajna.

Barra minn hekk, fl-2021 saret konsultazzjoni estensiva fil-kuntest tat-tnejjira tal-proposta dwar l-iskambju ta' informazzjoni diġitali f'każijiet ta' terroriżmu⁵, li konfermat il-ħtieġa li tittejjeb is-sistema ta' ġestjoni tal-każijiet tal-Eurojust.

Sad-data tal-pubblikazzjoni ta' din il-proposta, il-Eurojust ipparteċipat fis-sitt laqgħat kollha tat-Task Force tal-Kummissjoni “Iffriżar u Sekwestru”, li ġiet stabbilita fil-bidu ta' Marzu 2022 biex tiżgura l-koordinazzjoni fost l-Istati Membri fl-infurzar tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni kontra individwi u kumpaniji elenkati Russi u Belarussi, u biex tesplora l-interazzjoni possibbli bejn il-miżuri restrittivi u l-miżuri tad-dritt kriminali.

Il-Kummissjoni ħadet sehem fiż-żewġ laqgħat straordinarji tan-Network għall-Ġenoċidju – li s-Segretarjat tiegħu huwa ospitat fil-Eurojust – iddedikati għas-sitwazzjoni fl-Ukrajna (11 ta' Marzu 2022 u 5 ta' April 2022), fejn ġiet espressa wkoll il-ħtieġa għal maħżen ċentrali tal-evidenza, inkluż mill-Prosekutur tal-Qorti Kriminali Internazzjonali. L-istess kwistjonijiet tqajmu wkoll f'bosta laqgħat tal-Kulleġġ tal-Eurojust u tal-Bord Eżekuttiv.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Minħabba l-urġenza eċċezzjonali, ma setgħet issir l-ebda valutazzjoni tal-impatt u l-obbligu rilevanti tneħħa. Minkejja dan, il-proposta għandha biss l-għan li ttejjeb aktar il-kapaċità tal-Eurojust li tissodisfa l-oġettivi tagħha stabbiliti fir-Regolament dwar il-Eurojust billi tistabbilixxi soluzzjoni teknika aġġornata fi ħdan il-Eurojust biex tappoġġa lill-awtoritajiet tal-Istati Membri meta jittrattaw il-ġenoċidju, id-delitti kontra l-umanità u d-delitti tal-gwerra. Il-proposta ma tbiddilx il-prinċipji ewlenin li jirfdu l-funzjonament tal-Eurojust u l-qafas legali eżistenti dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, u lanqas ma tirrestrinġi bl-ebda mod is-setgħat u l-kompiti eżistenti tal-Eurojust. L-impatti mistennija tal-emendi proposti huma limitati ħafna peress li l-proposta tintroduċi kompitu addizzjonali speċifiku wieħed biss għall-Eurojust. Dan jippermetti funzjonalità limitata fl-arkitettura ġenerali eżistenti tal-Eurojust u jikkonċerna biss waħda mit-30 forma ta' delitti serji li l-Eurojust hija kompetenti biex tittrattahom. Valutazzjoni tal-konsistenza tar-rwoli komplementari tal-Eurojust u l-Europol ser titwettaq skont ir-Regolament tal-Eurojust fis-seħħ. Il-Kummissjoni se twettaq evalwazzjoni indipendenti dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament dwar il-Eurojust u l-attivitajiet tal-Eurojust sat-13 ta' Diċembru 2024 f'konformità mal-Artikolu 69(1) tar-Regolament dwar il-Eurojust.

- **Drittijiet fundamentali**

Minħabba l-importanza tal-ipproċessar ta' *data* personali għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi u l-attivitajiet ta' appoġġ tal-Eurojust, il-proposta tenfasizza l-ħtieġa li tiġi żgurata konformità sħiħa mad-drittijiet fundamentali kif minquxa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (“il-Karta”), b'mod partikolari d-dritt għall-protezzjoni tad-*data* personali⁶ u d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata⁷. Dan huwa ta' importanza partikolari peress li l-proposta tinvolvi l-ipproċessar ta' *data* personali operazzjonali relatata ma' investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet kriminali.

Il-proposta tiċċara li d-dispożizzjonijiet eżistenti tar-Regolament dwar il-Eurojust li jistabbilixxi r-reġim robust ta' protezzjoni tad-*data* tal-Eurojust japplikaw għall-faċilità awtomatizzata ta' ġestjoni u ħżin tad-*data* fejn se tiġi analizzata u ppreservata evidenza dwar

⁵ Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1727 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/671/ĠAI, fir-rigward tal-iskambju ta' informazzjoni diġitali f'każijiet ta' terroriżmu, COM(2021) 757 final, 1.12.2021.

⁶ L-Artikolu 8 tal-Karta.

⁷ L-Artikolu 7 tal-Karta.

reati kriminali internazzjonali l-aktar serji, bl-eċċezzjoni ta' dawk ir-regoli marbutin direttament mad-disinn tekniku tas-sistema ta' ġestjoni tal-każijiet, jiġifieri fajls ta' ħidma temporanji u indiċi. Dawn jinkludu wkoll, f'konformità mal-Artikolu 26(2) tar-Regolament dwar il-Eurojust, id-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tad-*data* stabbiliti fir-Regolament (UE) 2018/1725.

Il-proposta tirrikjedi wkoll li jkun jenħtieġ li l-Eurojust l-ewwel tikkonsulta lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* (KEPD) wara li l-wasla ta' notifika mingħand l-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* li tkun tinkludi mill-inqas deskrizzjoni ġenerali tal-operazzjonijiet tal-ipproċessar previsti, valutazzjoni tar-riskji għad-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-*data*, il-miżuri previsti biex jiġu indirizzati dawk ir-riskji, garanziji, u miżuri ta' sigurtà u l-mekkaniżmi li jiżguraw il-protezzjoni tad-*data* personali u li juru konformità mar-Regolament dwar il-Eurojust, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-drittijiet u l-interessi leġittimi tas-suġġetti tad-*data* u persuni oħrajn ikkonċernati. Il-KEPD se jiġi kkonsultat.

Il-proposta tipprevedi li jenħtieġ li l-faċilità awtomatizzata ta' ġestjoni u ħżin tad-*data* tikkonforma mal-ogħla standards ta' ċibersigurtà.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Din il-proposta jkollha impatt fuq il-baġit tal-Eurojust u l-ħtiġijiet tal-persunal tagħha. Skont id-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva li takkumpanja l-proposta, huwa stmat li jkunu meħtieġa EUR 15.705 miljun oħra għall-perjodu 2022-2027 biex il-Eurojust tkun tista' twettaq il-kompiti previsti minn din il-proposta. Dan jinkludi l-ispejjeż għall-istabbiliment u l-ġestjoni tal-faċilità awtomatizzata ta' ġestjoni u ħżin tad-*data* (madwar EUR 500 000 fis-sena) u għar-riżorsi umani meħtieġa biex din tiġi mmaniġġjata.

Huwa stmat li jkunu meħtieġa 16-il kariga addizzjonali, inklużi esperti tal-kooperazzjoni ġudizzjarja, ġuristi-lingwisti, analisti, esperti legali, uffiċjali tas-sigurtà tal-ICT, uffiċjali ta' kollegament mal-Qorti Kriminali Internazzjonali u mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u uffiċjali amministrattivi. Minħabba l-urġenza tas-sitwazzjoni, jenħtieġ li dawn il-karigi jimtlew malajr kemm jista' jkun.

5. ELEMENTI OĦRA

• Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta

Il-ġbir, il-preservazzjoni u l-analiżi tal-evidenza ta' reati kriminali internazzjonali l-aktar serji normalment jitwettqu minn firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati differenti, kif inhu l-każ bħalissa fil-kuntest tal-ostilitajiet kontinwi fl-Ukrajna: awtoritajiet nazzjonali, korpi tal-Unjoni, inklużi aġenziji tal-ĠAI, missjonijiet taħt il-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni, organizzazzjonijiet internazzjonali u entitajiet privati, inklużi organizzazzjonijiet nongovernattivi u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

F'dan il-kuntest, jenħtieġ li l-Eurojust tkun tista' tiċċentralizza l-evidenza disponibbli għall-awtoritajiet pubbliċi filwaqt li tapplika l-ogħla standards ta' sigurtà u traċċabbiltà. Tali informazzjoni u evidenza (fiżika u elettronika) jistgħu jintużaw kemm għal kawżi kriminali quddiem il-qorti nazzjonali kif ukoll għal prosekuzzjonijiet mill-Qorti Kriminali Internazzjonali jew kwalunkwe qorti jew mekkaniżmu ieħor stabbilit għal dak il-għan. Madankollu, il-proposta ma għandhiex l-għan li tintroduċi xi obbligu fuq l-awtoritajiet nazzjonali biex jikkondividu tali informazzjoni u evidenza.

L-Artikolu 1(1) jestendi espressament il-funzjonijiet operazzjonali tal-Eurojust fir-rigward tal-ġbir, l-analiżi, il-preservazzjoni u l-kondiviżjoni ta' evidenza b'appoġġ għall-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet ta' reati kriminali internazzjonali l-aktar serji, b'mod partikolari l-ġenoċidju, id-delitti kontra l-umanità, id-delitti tal-gwerra u reati kriminali relatati f'konformità mal-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar il-Eurojust. L-appoġġ analitiku pprovdut mill-Eurojust huwa wieħed mill-kompiti operazzjonali ewlenin li l-Eurojust diġà teżerċita u huwa msaħħaħ aktar b'din il-proposta. Il-Eurojust tista' tappoġġa lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri b'analiżi tal-evidenza, speċjalment fir-rigward tal-valutazzjoni tal-awtenticietà u l-affidabbiltà tal-evidenza relatata ma' fatti li huma soġġetti għal investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet li jkunu għaddejjin, inklużi dawk li l-Eurojust tappoġġa, biex tiġi żgurata l-ammissibbiltà sussegwenti ta' tali evidenza fil-qrati nazzjonali jew internazzjonali jew mekkaniżmi ekwivalenti. Skont ir-Regolament dwar il-Eurojust, il-Eurojust tista' diġà tittrażmetti evidenza lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti kif ukoll lill-organizzazzjonijiet internazzjonali, f'konformità mad-dispożizzjonijiet li jistabbilixxu l-qafas tal-protezzjoni tad-*data* tal-Eurojust, u taħżen temporanjament dik l-evidenza b'appoġġ għal investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet nazzjonali. L-Artikolu 1(1) jiċċara li l-qafas eżistenti japplika wkoll għall-evidenza miġbura, maħżuna u analizzata fil-faċilità awtomatizzata tal-ġestjoni u l-ħżin tad-*data* barra mis-sistema ta' ġestjoni tal-każijiet.

Peress li s-sistema attwali ta' ġestjoni tal-każijiet tal-Eurojust ma għandhiex il-kapaċità teknika li tiċċentralizza l-evidenza dwar ir-reati kriminali internazzjonali l-aktar serji b'mod effiċjenti u sigur, l-Artikolu 1(2) għandu l-għan li jipprovdi l-mezzi operazzjonali lill-Eurojust biex twettaq il-kompiti ta' appoġġ u koordinazzjoni tagħha fir-rigward ta' dawn ir-reati kriminali sakemm tiġi stabbilita u tiffunzjona bis-sħiħ is-sistema l-ġdida ta' ġestjoni tal-każijiet. Dan jippermetti lill-Eurojust twettaq il-kompiti tagħha msemmija hawn fuq saħansitra minn qabel, inkluż fir-rigward tar-reati kriminali internazzjonali l-aktar serji li x'aktarx qed jitwettqu fl-Ukrajna. Din id-dispożizzjoni tqis is-sensittività tad-*data* li trid tiġi pproċessata u l-ħtieġa li tiġi żgurata l-protezzjoni tagħha.

Evidenza kruċjali dwar reati kriminali internazzjonali l-aktar serji normalment tkun disponibbli fil-forma ta' awdjoreġistrazzjonijiet u filmati. L-immaġnijiet satellitari jistgħu wkoll ikunu utli biex juru t-twettiq ta' dawn ir-reati. Għal din ir-raġuni, jidher li hu meħtieġ li l-kategoriji ta' *data* li l-Eurojust tista' tipproċessa legalment jiġu estenzi u li l-Anness II tar-Regolament dwar il-Eurojust jiġi emendat kif xieraq (l-Artikolu 1(3)).

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1727 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tal-ġbir, il-preservazzjoni u l-analiżi ta' evidenza relatata ma' ġenoċidju, delitti kontra l-umanità u delitti tal-gwerra fil-Eurojust

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikolu 85 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2018/1727 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸ stabbilixxa l-Eurojust u f'fissa l-kompiti, il-kompetenza u l-funzjonijiet tagħha.
- (2) Il-Eurojust hija kompetenti fir-rigward tal-forom ta' reati serji elenkati fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2018/1727, li jinkludu l-ġenoċidju, id-delitti kontra l-umanità u delitti tal-gwerra. F'konformità mal-Artikolu 3(4) tar-Regolament (UE) 2018/1727, il-kompetenza tal-Eurojust tkopri wkoll reati kriminali relatati mar-reati kriminali elenkati fl-Anness I ta' dak ir-Regolament.
- (3) Fl-24 ta' Frar 2022, ir-Russja bdiet aggressjoni militari kontra l-Ukrajna. Hemm bażi raġonevoli biex wieħed jemmen li fl-Ukrajna twettqu u qed jitwettqu delitti kontra l-umanità u delitti tal-gwerra fil-kurrent tal-ostilitajiet attwali.
- (4) Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni, jenħtieġ li l-Unjoni tiegħu l-miżuri kollha meħtieġa, bħala kwistjoni ta' urġenza, biex tiżgura li dawk li wettqu dawk id-delitti fl-Ukrajna jinżammu responsabbli.
- (5) Is-servizzi ta' prosekuzzjoni f'bosta Stati Membri kif ukoll fl-Ukrajna bdew investigazzjonijiet li jikkonċernaw l-avvenimenti fl-Ukrajna, u meta jkun xieraq joqogħdu fuq l-appoġġ tal-Eurojust. Il-Eurojust ikkonkludiet ftehim dwar il-kooperazzjoni mal-Ukrajna fis-27 ta' Ġunju 2016. F'konformità ma' dan il-ftehim, prosekutur ta' kollegament Ukren huwa stazzjonat fil-Eurojust biex jiffaċilita l-kooperazzjoni bejn il-Eurojust u l-Ukrajna.
- (6) F'konformità mal-Istatut ta' Ruma⁹, il-Qorti Kriminali Internazzjonali għandha s-setgħa li teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha fuq individwi responsabbli għall-aktar delitti serji ta' tħassib internazzjonali, kif imsemmi fl-Istatut ta' Ruma. Il-ġurisdizzjoni tal-Qorti Kriminali Internazzjonali hija komplementari għall-ġurisdizzjonijiet kriminali

⁸ Ir-Regolament (UE) 2018/1727 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust), u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/187/ĠAI (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 138).

⁹ L-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali.

nazzjonali. L-Uffiċċju tal-Prosekutur tal-Qorti Kriminali Internazzjonali ħabbar li kien ipproċeda biex jibda investigazzjoni dwar is-sitwazzjoni fl-Ukrajna.

- (7) Minħabba l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' ġurisdizzjoni universali f'bosta Stati Membri u n-natura komplementari tal-ġurisdizzjoni tal-Qorti Kriminali Internazzjonali, il-koordinazzjoni u l-iskambju ta' evidenza bejn l-awtoritajiet nazzjonali tal-investigazzjoni u tal-prosekuzzjoni f'ġurisdizzjonijiet differenti kif ukoll mal-Qorti Kriminali Internazzjonali, jew qorti, tribunal jew mekkaniżmu ieħor stabbilit għal dak il-għan, huma importanti biex tiġi żgurata l-effettività tal-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet ta' ġenoċidju, delitti kontra l-umanità u delitti tal-gwerra u reati relatati, inklużi dawk li jista' jkun li qed jitwettqu fl-Ukrajna fil-kuntest tal-ostilitajiet attwali.
- (8) Sabiex jiġi żgurat li l-evidenza u l-aħjar prattiki relatati mal-prosekuzzjoni tal-ġenoċidju, id-delitti kontra l-umanità u d-delitti tal-gwerra jiġu kondiviżi mal-awtoritajiet ġudizzjarji nazzjonali u internazzjonali, jenħtieġ li l-Eurojust issaħħaħ il-kooperazzjoni tagħha mal-qorti u t-tribunali kriminali u l-mekkaniżmi stabbiliti biex jindirizzaw il-ksur tad-dritt internazzjonali. Għal dak il-għan, jenħtieġ li l-Eurojust tistabbilixxi kooperazzjoni mill-qrib mal-Qorti Kriminali Internazzjonali u kwalunkwe qorti, tribunal jew mekkaniżmu ieħor li għandu l-għan li jindirizza delitti li jaffettwaw il-paċi u s-sikurezza internazzjonali. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Eurojust tiffaċilita wkoll l-eżekuzzjoni ta' talbiet għal kooperazzjoni ġudizzjarja mill-Qorti Kriminali Internazzjonali jew qorti u tribunali kriminali jew mekkaniżmi speċjali li jikkonċernaw evidenza relatata ma' ġenoċidju, delitti kontra l-umanità, delitti tal-gwerra u reati kriminali relatati.
- (9) L-evidenza relatata mal-ġenoċidju, id-delitti kontra l-umanità u d-delitti tal-gwerra ma tistax tinħażen b'mod sikur fit-territorju fejn iseħħu l-ostilitajiet, kif inhu l-każ bl-evidenza marbuta mal-ostilitajiet li għaddejjin fl-Ukrajna. Għalhekk, hemm bżonn ta' maħżen ċentrali. L-evidenza miġbura minn aġenziji u korpi tal-Unjoni u awtoritajiet internazzjonali jew partijiet terzi bħall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jistgħu jeħtieġu wkoll maħżen ċentrali sabiex ikunu aċċessibbli għall-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti.
- (10) Il-Eurojust għandha l-għarfien espert u l-esperjenza biex tappoġġa l-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet ta' delitti transfruntieri, inkluż il-ġenoċidju, id-delitti kontra l-umanità, id-delitti tal-gwerra u reati kriminali relatati. Dan jinkludi l-preservazzjoni, l-analiżi u l-ħżin tal-evidenza sa fejn tkun ikkonċernata l-ammissibbiltà tagħha quddiem il-qorti u l-affidabbiltà tagħha.
- (11) Billi tiġbor, tippreserva u tanalizza evidenza relatata mar-reati kriminali internazzjonali l-aktar serji, kif ukoll, meta jkun meħtieġ u xieraq, billi tippermetti l-iskambju tagħha, il-Eurojust tista' tappoġġa l-bini ta' każijiet f'investigazzjonijiet nazzjonali u internazzjonali u tipprovdi appoġġ addizzjonali lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali u internazzjonali. Tali evidenza tista' tkun partikolarment siewja biex tiġi aċċertata l-affidabbiltà tat-testimonjanzi tax-xhieda.
- (12) Jenħtieġ li tiġi stabbilita faċilità ġdida ta' ħżin temporanju li tippermetti tali ħżin, analiżi u preservazzjoni. Peress li l-ħtieġa li tinħażen tali evidenza hija urġenti, huwa meħtieġ li l-Eurojust taħżinha f'faċilità awtomatizzata ta' ġestjoni u ħżin tad-*data* barra mis-sistema ta' ġestjoni tal-każijiet, sakemm is-sistema l-ġdida ta' ġestjoni tal-każijiet tkun kompletament funzjonali. Ir-regoli ġenerali tal-Kapitolu distint tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-ipproċessar ta' *data* personali operazzjonali jenħtieġ li japplikaw mingħajr preġudizzju għar-regoli

speċifiċi dwar il-protezzjoni tad-*data* tar-Regolament (UE) 2018/1727. Il-faċilità awtomatizzata għall-ġestjoni u l-ħżin tad-*data* jenħtieġ li tiġi integrata fis-sistema l-ġdida ta' ġestjoni tal-każijiet, li mistennija tiġi stabbilita skont il-proposta għal Regolament dwar l-iskambju ta' informazzjoni diġitali f'każijiet ta' terroriżmu¹⁰.

- (13) Il-ħżin, l-analiżi u l-preservazzjoni tal-evidenza fir-rigward tal-ġenoċidju, id-delitti kontra l-umanità, id-delitti tal-gwerra u reati kriminali relatati fil-faċilità awtomatizzata għall-ġestjoni u l-ħżin tad-*data*, kif ukoll l-aċċessibilità tagħhom mill-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti kull meta jkun meħtieġ u xieraq, jenħtieġ li jikkonformaw mal-oġġla standards ta' ċibersigurtà u protezzjoni tad-*data*, f'konformità mal-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.
- (14) Immaġnijiet bis-satellita, ritratti, filmati u awdjoreġistrazzjonijiet jistgħu jkunu utli biex juru t-tweqqif ta' ġenoċidju, delitti kontra l-umanità, delitti tal-gwerra u reati kriminali relatati. Għalhekk, jenħtieġ li l-Eurojust tkun tista' tipproċessa u taħżen tali *data* fir-rigward ta' din il-fini.
- (15) Jenħtieġ li l-Eurojust u l-Europol jikkooperaw mill-qrib fil-kuntest tal-mandati rispettivi tagħhom, b'mod partikolari fir-rigward tal-ipproċessar u l-analiżi ta' informazzjoni fil-kuntest tas-sistema eżistenti u dedikata tal-Europol (imsejjaħ proġett ta' analiżi) dwar delitti internazzjonali, biex jappoġġaw lill-awtoritajiet kompetenti fl-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' ġenoċidju, delitti kontra l-umanità, delitti tal-gwerra u reati kriminali relatati. Għalhekk, il-Eurojust tista' tirreferi għall-informazzjoni tal-Europol li tkun irċeviet fit-tweqqif tal-funzjonijiet tagħha f'konformità mal-Artikolu 4(1)(j) tar-Regolament (UE) 2018/1727. Jenħtieġ li l-kooperazzjoni tinkludi evalwazzjoni konġunta regolari ta' kwistjonijiet operazzjonali u tekniċi.
- (16) [F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 u 4a(1) tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, l-Irlanda ma hijiex qed tiegħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-regolament u ma hijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.] JEW [F'konformità mal-Artikolu 3 u 4a(1) tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Irlanda innotifikat ix-xewqa tagħha li tiegħu sehem fl-adozzjoni u fl-applikazzjoni ta' dan ir-regolament.]
- (17) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-Pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka ma hijiex qiegħda tiegħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u ma hijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.
- (18) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) Nru 2018/1725 u ħareġ opinjoni fil-XX/XX/20XX,

¹⁰ Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1727 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/671/ĠAI, fir-rigward tal-iskambju ta' informazzjoni diġitali f'każijiet ta' terroriżmu, COM(2021) 757 final, 1.12.2021.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi għar-Regolament (UE) 2018/1727

Ir-Regolament (UE) 2018/1727 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 4(1), jżied il-punt (j) li ġej:

“(j) tappoġġa l-azzjoni tal-Istati Membri fil-ġlieda kontra l-ġenoċidju, id-delitti kontra l-umanità, id-delitti tal-gwerra u reati kriminali relatati, inkluż billi tiġbor, tippreserva u tanalizza evidenza relatata ma’ dawn ir-reati kriminali, kif ukoll, meta jkun meħtieġ u xieraq, tippermetti l-iskambju tagħha jew inkella tagħmilha direttament disponibbli għall-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti nazzjonali u internazzjonali, b’mod partikolari l-Qorti Kriminali Internazzjonali”

(2) fl-Artikolu 80, jżied il-paragrafu 8 li ġej:

“(8) B’deroga mill-Artikolu 23(6), il-Eurojust tista’ tipproċessa *data* personali operazzjonali għat-twetiq tal-kompiti msemmijin fil-punt (j) tal-Artikolu 4(1), f’faċilità awtomatizzata għall-ġestjoni u l-ħżin tad-*data* barra mis-sistema ta’ ġestjoni tal-każijiet. Il-faċilità awtomatizzata ta’ ġestjoni u ħżin tad-*data* għandha tikkonforma mal-oġġla standards ta’ ċibersigurtà. It-tħaddim tal-faċilità awtomatizzata ta’ ġestjoni u ħżin tad-*data* għandu jkun soġġett għall-konsultazzjoni minn qabel tal-KEPD. Il-KEPD għandu jagħti l-opinjoni tiegħu fi żmien xahrejn wara li jirċievi notifika mill-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data*.

In-notifika mill-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* għandu jkun fiha mill-inqas l-elementi li ġejjin:

(a) deskrizzjoni ġenerali tal-operazzjonijiet ta’ pproċessar previsti;

(b) valutazzjoni tar-riskji għad-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-*data*;

(c) il-miżuri previsti biex jindirizzaw dawk ir-riskji;

(d) is-salvagwardji, il-miżuri ta’ sigurtà u l-mekkaniżmi li jiżguraw il-protezzjoni ta’ *data* personali u li juru l-konformità ma’ dan ir-Regolament, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-drittijiet u l-interessi leġittimi tas-suġġetti tad-*data* u persuni kkonċernati oħrajn.

Id-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tad-*data* ta’ dan ir-Regolament għandhom japplikaw għall-ipproċessar tad-*data* fil-faċilità awtomatizzata ta’ ġestjoni u ħżin tad-*data* sakemm dawn ma jkunux relatati direttament mal-istruttura teknika tas-sistema ta’ ġestjoni tal-każijiet f’konformità mal-Artikolu 23(1) ta’ dan ir-Regolament. Id-dritt ta’ aċċess u l-limiti ta’ żmien għad-*data* maħżuna fil-faċilità awtomatizzata ta’ ġestjoni u ħżin tad-*data* għandhom ikunu marbutin mal-aċċess għall-fajls ta’ ħidma temporanji, li d-*data* tinħażen biex tappoġġahom.

Id-deroga prevista f’dan il-paragrafu għandha tintemm fil-mument meta s-sistema l-ġdida ta’ ġestjoni tal-każijiet tkun fis-seħħ. Il-Kummissjoni għandha tiddetermina d-*data* ta’ meta s-sistema l-ġdida ta’ ġestjoni tal-każijiet tkun fis-seħħ permezz ta’ deċiżjoni li għandha tiġi ppubblikata f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.”

(3) L-Anness II huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt 1(n) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(n) profili tad-DNA stabbiliti mill-parti mhux kodifikattriċi tad-DNA, ritratti u marki tas-swaba’ u, fir-rigward tar-reati kriminali msemmija fl-Artikolu 4(1)(j), filmati u awdjoregistrazzjonijiet.”

(b) il-punt 2(f) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(f) id-deskrizzjoni u n-natura tar-reati li jinvolve lill-persuna kkonċernata, id-data ta’ meta twettqu r-reati u l-post fejn twettqu, il-kategorija kriminali tar-reati, u, fir-rigward tar-reati kriminali msemmijin fl-Artikolu 4(1)(j), informazzjoni relatata ma’ mġiba kriminali, inklużi awdjoregistrazzjonijiet, filmati, immaġnijiet bis-satellita u ritratti u mal-progress tal-investigazzjonijiet;”

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA “AĠENZIJI”

WERREJ

1.	QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA	16
1.1.	Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva	16
1.2.	Qasam/Oqsma ta’ politika kkonċernat(i)	16
1.3.	Il-proposta hija relatata ma’	16
1.4.	Objettiv(i).....	16
1.4.1.	Objettiv(i) ġenerali	16
1.4.2.	Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi	17
1.4.3.	Riżultat(i) u impatt mistennija	17
1.4.4.	Indikaturi tal-prestazzjoni	17
1.5.	Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva	17
1.5.1.	Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva.....	17
1.5.2.	Valur miżjud tal-involvement tal-Unjoni (dan jista’ jirriżulta minn fatturi differenti, eż. il-gwadanji mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza legali, effettività akbar jew il-komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta’ dan il-punt, il-“valur miżjud tal-involvement tal-Unjoni” huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li jkun addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.	17
1.5.3.	Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi.....	18
1.5.4.	Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma’ strumenti xierqa oħra.....	19
1.5.5.	Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta’ finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni.....	19
1.6.	Durata u impatt finanzjarju tal-proposta/tal-inizjattiva.....	20
1.7.	Mod(i) ta’ ġestjoni ppjanat(i)	20
2.	MIŻURI TA’ ĠESTJONI	21
2.1.	Regoli ta’ monitoraġġ u ta’ rapportar	21
2.2.	Sistema/i ta’ ġestjoni u ta’ kontroll	21
2.2.1.	Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta’ ġestjoni, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta’ pagament u tal-istrateġija ta’ kontroll proposta....	21
2.2.2.	Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta’ kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom.....	22
2.2.3.	Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-“kostijiet tal-kontroll ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti”) u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta’ errur (mal-ħlas u fl-għeluq)	22
2.3.	Miżuri għall-prevenzjoni ta’ frodi u ta’ irregolaritajiet	22

3.	IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA	23
3.1.	Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i	23
3.2.	Impatt stmat fuq in-nefqa	24
3.2.1.	Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa	25
3.2.2.	Impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet tal-[korp]	26
3.2.3.	Impatt stmat fuq ir-riżorsi umani tal-[korp]	27
3.2.4.	Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali	32
3.2.5.	Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi	32
3.3.	Impatt stmat fuq id-dħul	33

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1727 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tal-ġbir, il-preservazzjoni u l-analiżi ta' evidenza relatata ma' ġenoċidju, delitti kontra l-umanità u delitti tal-gwerra fl-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust)

1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)

Qasam ta' politika: Ġustizzja u drittijiet fundamentali

Attività: Investiment fin-nies, koeżjoni soċjali u valuri

071007: L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust)

1.3. Il-proposta tirrigwarda

azzjoni ġdida

azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja¹¹

l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti

fużjoni ta' azzjoni waħda jew aktar f'azzjoni oħra/ġdida

1.4. Objettiv(i)

1.4.1. Objettiv(i) ġenerali

Il-Eurojust għet stabbilita bħala korp intergovernattiv sabiex jikkoordina investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet ta' delitti transfrontieri serji fl-Ewropa u lil hinn minnha bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/187/ĠAI. It-Trattat ta' Liżbona abolixxa l-istruttura tal-pilastru tal-Unjoni Ewropea u allinja l-ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja mal-*acquis communautaire*. Bir-Regolament (UE) 2018/1727 ("ir-Regolament dwar il-Eurojust"), li għe adottat skont l-Artikolu 85 TFUE, għe stabbilit qafas legali ġdid għal Aġenzija ġdida tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust).

Bħala ċ-ċentru tal-Unjoni Ewropea għall-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, il-Eurojust tappoġġa lill-awtoritajiet nazzjonali tal-investigazzjoni u tal-prosekuzzjoni fir-rigward ta' reati serji li l-Eurojust hija kompetenti biex tittrattahom f'konformità mar-Regolament dwar il-Eurojust. Fost l-oħrajn, il-ġenoċidju, id-delitti kontra l-umanità u d-delitti tal-gwerra (imsejħa wkoll kollettivament bħala "reati kriminali internazzjonali l-aktar serji") huma delitti li l-Eurojust hija kompetenti biex tittrattahom.

L-avvenimenti reċenti marbutin mal-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja żvelaw il-ħtieġa urġenti li l-Eurojust tkun tista' tiġbor, tippreserva u tanalizza evidenza relatata mal-ġenoċidju, id-delitti tal-gwerra, u d-delitti kontra l-umanità u reati kriminali relatati, u li tagħmilha disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti, nazzjonali jew internazzjonali.

F'dan l-isfond, l-objettiv ġenerali ta' din il-proposta huwa li tippermetti lill-Eurojust twettaq dan il-kompitu addizzjonali billi tistabbilixxi faċilità temporanja awtomatizzata għall-ġestjoni u l-ħżin tad-*data* barra mis-sistema ta' ġestjoni tal-każijiet.

¹¹ Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

1.4.2. *Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi*

L-objettiv speċifiku jirriżulta mill-objettiv ġenerali kif deskritt hawn fuq:

Objettiv speċifiku Nru 1: Li l-Eurojust tkun tista' tiġbor, tippreserva u tanalizza evidenza fir-rigward ta' ġenoċidju, delitti tal-gwerra u delitti kontra l-umanità u reati kriminali relatati, kif ukoll, meta jkun meħtieġ u xieraq, tkun tista' tiskambjaha jew inkella tagħmilha disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti nazzjonali u internazzjonali.

1.4.3. *Riżultat(i) u impatt mistennija*

Speċifika l-effetti li l-proposta/l-inizjattiva jenħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.

L-inizjattiva mistennija tippermetti legalment u teknikament lill-Eurojust tiġbor, tippreserva, tanalizza u, meta jkun meħtieġ u xieraq, tittrażmetti evidenza ta' reati kriminali internazzjonali l-aktar serji billi tistabbilixxi faċilità awtomatizzata għall-ġestjoni u l-ħżin tad-*data* barra mis-sistema ta' ġestjoni tal-każijiet.

1.4.4. *Indikaturi tal-prestazzjoni*

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet.

- L-ammont ta' informazzjoni mibgħuta minn individwi, Stati Membri, Pajjiżi Terzi, NGOs u atturi rilevanti oħrajn;
- L-għadd ta' prosekuzzjonijiet ibbażati fuq evidenza maħżuna fis-sistema;
- L-għadd ta' biċċiet ta' informazzjoni mibgħuta mill-Eurojust lill-Istati Membri;
- L-għadd ta' każijiet operattivi appoġġati.

1.5. **Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva**

1.5.1. *Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

L-eżekuzzjoni tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva leġiżlattiva teħtieġ miżuri tekniċi u proċedurali fil-livell tal-UE, li jenħtieġ li jibdeu meta tidħol fis-seħħ il-leġiżlazzjoni riveduta.

Ir-rekwiżiti ewlenin wara d-dħul fis-seħħ tal-proposta huma kif ġej:

- Il-Eurojust timplimenta s-sistema l-ġdida li tippermetti l-ħżin u l-ġestjoni tal-evidenza miġbura.
- Il-Eurojust tirċievi evidenza minn partijiet ikkonċernati rilevanti (jiġifieri Stati Membri, individwi, Stati Terzi, NGOs...).
- Il-Eurojust tippermetti l-aċċess mill-Istati Membri biex jużaw din l-evidenza fl-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjoni ta' ġenoċidju, delitti kontra l-umanità, delitti tal-gwerra u reati kriminali relatati.

Minħabba l-ħtieġa urġenti li jiġi żgurat li l-Eurojust tkun tista' twettaq dawn il-kompiti diġà fir-rigward tar-reati kriminali internazzjonali l-aktar serji li jista' jkun li qed jitwettqu fil-kuntest tal-ostilitajiet attwali fl-Ukrajna, il-Eurojust se timplimenta l-bażi tad-*data* fl-2022 u se tibda l-kollezzjoni u l-ġestjoni tal-evidenza diġà fl-2022.

1.5.2. *Valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. il-gwadanji mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza legali, effettività akbar jew il-komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, il-“valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni” huwa l-valur li*

jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li jkun addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.

Fl-24 ta' Frar 2022, ir-Russja bdiet invazzjoni militari tal-Ukrajna. Hemm bażi raġonevoli biex wieħed jemmen li fl-Ukrajna twettqu u qed jitwettqu delitti tal-gwerra u delitti kontra l-umanità. Fit-2 ta' Marzu 2022, il-Prosekutur tal-Qorti Kriminali Internazzjonali ħabbar li kien ipproċeda biex jibda investigazzjoni dwar is-sitwazzjoni fl-Ukrajna. Is-servizzi ta' prosekuzzjoni f'bosta Stati Membri kif ukoll fl-Ukrajna bdew ukoll investigazzjonijiet ta' reati kriminali internazzjonali l-aktar serji, li xi wħud minnhom huma appoġġati u kkoordinati mill-Eurojust. Il-Eurojust għandha l-għarfien espert u l-esperjenza biex tappoġġa l-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet ta' reati kriminali l-aktar serji, inkluż billi tiffaċilita l-attivitajiet tal-Iskwadra ta' Investigazzjoni Konġunta (SIK), bħal dik stabbilita minn xi Stati Membri u mill-Ukrajna fil-kuntest tal-ostilitajiet attwali fl-Ukrajna.

L-awtoritajiet nazzjonali qed jiġbru evidenza tar-reati kriminali internazzjonali l-aktar serji li jista' jkun li twettqu fl-Ukrajna mill-partijiet kollha fil-kunflitt. Minħabba l-ostilitajiet li għaddejjin, l-evidenza ma tistax tinħażen b'mod sigur fl-Ukrajna. Għalhekk biex jiġi stabbilit maħżen ċentrali, fejn tkun tista' tinħażen ukoll l-evidenza miġbura mill-aġenziji u l-korpi tal-Unjoni kif ukoll mill-awtoritajiet nazzjonali u internazzjonali jew minn partijiet terzi bħal organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Filwaqt li r-Regolament dwar il-Eurojust jipprevedi li l-Eurojust tappoġġa l-azzjoni tal-Istati Membri fl-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' delitti serji, huwa ma jippermettix b'mod espliċitu lill-Eurojust tiġbor, tippreserva u tanalizza evidenza fir-rigward ta' dan l-iskop.

Il-Kummissjoni adottat din il-proposta wara diversi skambji – fuq bażi bilaterali jew fil-kuntest ta' laqgħat kollettivi – mal-Eurojust u mal-awtoritajiet nazzjonali involuti fl-investigazzjonijiet ta' reati kriminali internazzjonali l-aktar serji, kif ukoll ma' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u entitajiet oħrajn tal-Unjoni bħall-Missjoni Konsultatorja tal-Unjoni Ewropea - l-Ukrajna. Kollha kemm huma indikaw il-ħtieġa għal maħżen ċentrali tal-evidenza kif ukoll il-limitazzjonijiet attwali tas-sistema ta' ġestjoni tal-każijiet tal-Eurojust u l-impatt tagħhom fuq ir-rwol tal-Eurojust li tappoġġa u ssaħħaħ il-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali tal-investigazzjoni u tal-prosekuzzjoni fir-rigward tar-reati kriminali internazzjonali l-aktar serji, inklużi dawk li jistgħu jitwettqu fil-kuntest tal-ostilitajiet attwali fl-Ukrajna.

Din il-proposta hija meħtieġa biex tiġi stabbilita faċilità awtomatizzata għall-ġestjoni u l-ħżin tad-*data* fl-UE biex tinġabar, tiġi ppreservata u analizzata l-evidenza b'mod xieraq u legali li jippermetti lill-awtoritajiet nazzjonali jipproċedu kontra t-trażgressuri ta' ġenoċidju, delitti kontra l-umanità, delitti tal-gwerra u reati kriminali relatati.

1.5.3. *Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imġhoddi*

Il-proposta tibni fuq il-ħtieġa li jiġi kkoordinat ir-rispons ġudizzjarju għar-reati kriminali internazzjonali l-aktar serji u li jiġi evitat kwalunkwe tip ta' impunità kontra l-awturi ta' dawn ir-reati kriminali. L-Ewropa qed tħabbat wiċċha ma' xenarju ta' sigurtà li qed jinbidel. Il-kriżijiet internazzjonali minn dejjem kellhom impatt fuq l-istil ta' ħajja Ewropew, kif ukoll fuq id-drittijiet fundamentali tal-individwi. Delitti bħall-ġenoċidju, id-delitti kontra l-umanità u d-delitti tal-gwerra huma parti minn kategorija ta' delitti serji ħafna, u jenħtieġ li l-awturi ta' dawn id-delitti ma jaħarbux il-kastig tagħhom.

Il-ġudikatura hija bbażata fuq l-istat tad-dritt, u hemm mhux ftit każijiet fejn l-awtur ta' reat kriminali ikun ħarab mill-ġustizzja minħabba proċedura illegali għall-ġbir jew għall-ġestjoni tal-evidenza.

Din il-proposta għandha l-għan li tistabbilixxi qafas ċar għall-ġlieda kontra din l-impunità.

1.5.4. *Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra*

It-tiŝiħ tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali huwa parti kruċjali mill-ħolqien ta' spazju ta' liberta', ta' sigurtà u ta' ġustizzja.

Din is-soluzzjoni urġenti hija meħtieġa bil-ħsieb li l-Eurojust tkun tista' teżerċita l-kompiti l-ġodda diġà msemmija iktar 'il fuq fil-kuntest taċ-ċirkostanzi straordinarji attwali marbuta mal-ostilitajiet li għaddejjin fl-Ukrajna. Ladarba tiġi approvata l-proposta biex jiġi emendat ir-Regolament dwar il-Eurojust fir-rigward tal-iskambju ta' *data* dwar każijiet ta' terroriżmu, il-faċilità l-ġdida awtomatizzata għall-ġestjoni u l-ħżin tad-*data* tista' tiġi assorbita fis-sistema l-ġdida ta' ġestjoni tal-każijiet.

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istrateġija tal-UE dwar l-Unjoni tas-Sigurtà, ippubblikata f'Lulju 2020, issottolinjat il-konnessjoni bejn is-sigurtà interna u esterna u l-importanza tal-kooperazzjoni sabiex id-drittijiet taċ-ċittadini jiġu protetti b'mod effettiv. Din il-proposta hija eżempju ċar ta' kif faċilità ta' ġestjoni u ħżin hija meħtieġa biex tiproteġi wieħed mill-aktar drittijiet importanti taċ-ċittadini, id-dritt għall-ħajja.

1.5.5. *Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni*

Minn mindu daħal fis-seħħ ir-Regolament dwar il-Eurojust, ix-xejra kienet lejn tkabbir tal-flussi tad-*data* tal-aġenzija u tad-domanda fuq is-servizzi tagħha.

Il-Kummissjoni hija konxja mir-restrizzjonijiet finanzjarji tal-Eurojust u l-implikazzjoni tar-riżorsi ta' din it-talba urġenti minħabba l-aggressjoni tal-Ukrajna mir-Russja.

Din il-proposta se tintroduċi kompiti limitati ġodda fir-Regolament dwar il-Eurojust, li għandhom l-għan li jagħmlu lill-Eurojust adatta għall-era diġitali, u li jippermettulha taqdi r-rwol aktar b'saħħtu tagħha previst fir-Regolament dwar il-Eurojust fl-appoġġ u t-tiŝiħ tal-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali li jinvestigaw id-delitti serji u li jipproċedu kontra t-trażgressuri tagħhom, inklużi delitti tal-gwerra, ġenoċidju u delitti kontra l-umanità. Mhux se jkun possibbli li din il-proposta tiġi implimentata mingħajr ir-rinforzi finanzjarji u umani meħtieġa.

L-istima tal-kost hija ta' EUR 15,705 M li se jiġi ffinanzjat mill-marġni taħt l-intestatura 2b tal-QFP.

1.6. Durata u impatt finanzjarju tal-proposta/tal-inizjattiva

durata limitata

- Proposta/inizjattiva b'seħħ minn [JJ/XX]SSSS sa [JJ/XX]SSSS
- Impatt finanzjarju minn SSSS sa SSSS

durata mhux limitata

- Implimentazzjoni b'perjodu ta' tnedija minn SSSS sa SSSS,
- segwita b'operazzjoni fuq skala sħiħa.

1.7. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)¹²

Ġestjoni diretta mill-Kummissjoni permezz ta'

- aġenziji eżekuttivi

Ġestjoni kondiviża mal-Istati Membri

Ġestjoni indiretta billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja:

- lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);
- lill-BEI u lill-Fond Ewropew tal-Investment;
- lill-korpi msemmija fl-Artikoli 70 u 71;
- lill-korpi tal-liġi pubblika;
- lill-korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;
- lill-korpi rregolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;
- lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.

Kummenti

Iċ-ċifri dwar ir-riżorsi finanzjarji u umani jinkludu l-ammont totali previst għall-implimentazzjoni teknika tal-faċilità awtomatizzata għall-ġestjoni u l-ħżin tad-*data*, u l-kostijiet operattivi assoċjati ma' xi wħud mill-każijiet li jistgħu jkunu marbuta miegħu.

¹² Id-dettalji tal-modi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit BudgWeb: <https://myintracomm.ec.europa.eu/budgweb/EN/man/budgmanag/Pages/budgmanag.aspx>.

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.

Il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tad-diġitalizzazzjoni tal-iskambju tad-*data* tal-aġenzija se jkunu importanti sabiex tiġi żgurata l-effettività tal-Eurojust. Il-monitoraġġ u r-rapportar tal-proposta se jsegwu l-prinċipji deskritti fir-Regolament dwar il-Eurojust¹³ u jkunu konformi mal-Approċċ Komuni dwar l-aġenziji decentralizzati¹⁴.

Minbarra r-regoli ta' governanza orizzontali applikabbli għall-aġenziji, il-Eurojust jeħtiġilha tibgħat b'mod partikolari kull sena lill-Kummissjoni, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill Dokument Uniku ta' Programmazzjoni (SPD) li jkun fih programmi ta' ħidma pluriennali u annwali u l-ipprogrammar tar-riżorsi. L-SPD jistabbilixxi l-oġġettivi, ir-riżultati mistennija u l-indikaturi tal-prestazzjoni għall-monitoraġġ tal-kisba tal-oġġettivi u tar-riżultati.

Il-Eurojust tirrapporta wkoll dwar il-ħidma tagħha f'rapport annwali elaborat. Il-Eurojust tibgħat dan ir-rapport annwali lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-parlamenti nazzjonali. Barra minn hekk, il-Eurojust tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-parlamenti nazzjonali bl-arranġamenti ta' ħidma konklużi ma' partijiet terzi.

Il-Kummissjoni għandha tikkummissjona evalwazzjoni indipendenti esterna tal-implimentazzjoni tar-Regolament u l-attivitajiet tal-Eurojust sat-13 ta' Diċembru 2024 u kull ħames snin minn hemm 'il quddiem sabiex tevalwa l-implimentazzjoni u l-impatt tar-Regolament u l-effettività u l-effiċjenza tal-Eurojust, (l-Artikolu 69(1) tar-Regolament dwar il-Eurojust).

2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta

B'kont meħud tal-fatt li l-proposta għandha impatt fuq il-kontribuzzjoni annwali tal-UE lill-Eurojust, il-baġit tal-UE se jiġi implimentat permezz ta' ġestjoni indiretta.

Skont il-prinċipju tal-ġestjoni finanzjarja tajba, il-baġit tal-Eurojust għandu jiġi implimentat f'konformità ma' kontroll intern effettiv u effiċjenti.

Rigward il-kontrolli *ex-post*, il-Eurojust, bħala aġenzija deċentralizzata, hija notevolment soġġetta għal:

- awditu intern mis-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni;
- rapporti annwali mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, li jipprovdu dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabilità tal-kontijiet annwali u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti;
- kwittanza annwali mogħtija mill-Parlament Ewropew;
- investigazzjonijiet possibbli mwettqa mill-OLAF sabiex jiżgura, b'mod partikolari, li r-riżorsi allokat li lill-aġenziji jintużaw kif support;

¹³ Ir-Regolament (UE) 2018/1727.

¹⁴ https://europa.eu/european-union/sites/default/files/docs/body/joint_statement_and_common_approach_2012_en.pdf.

– fl-aħħar nett, l-Ombudsman Ewropew jipprovdi saff ieħor ta' kontroll u obbligu ta' rendikont fil-Eurojust

2.2.2. *Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom*

F'dan l-istadju ma ġie identifikat l-ebda riskju speċifiku fis-sistemi ta' ġestjoni u kontroll. Il-Eurojust hija soġġetta għal kontrolli amministrattivi inkluż il-kontroll baġitarju, l-awditjar intern, ir-rapporti annwali mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri u l-kwittanza annwali għall-eżekuzzjoni tal-baġit tal-UE kif stabbilit hawn fuq.

2.2.3. *Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-“kostijiet tal-kontroll ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti”) u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq)*

Il-Kummissjoni tirrapporta dwar il-proporzjon ta' “kostijiet ta' kontroll/pagament tal-fondi relatati ġestiti”. Ir-RAA tal-2021 tad-DĠ JUST jirrapporta 0,53 % għal dan il-proporzjon fir-rigward tal-Entitajiet Fdati u l-Aġenziji Deċentralizzati tal-Ġestjoni Indiretta, inkluża l-Eurojust.

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) ikkonfermat il-legalità u r-regolarità tal-kontijiet annwali tal-Eurojust għall-2020, li jimplika rata ta' żball ta' inqas minn 2 %. Ma hemm l-ebda indikazzjoni li r-rata ta' żball se tmur għall-agħar fis-snin li ġejjin.

2.3. **Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet**

Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew previsti, eż. mill-Istrateġija Kontra l-Frodi.

Il-miżuri relatati mal-ġlieda kontra l-frodi, il-korruzzjoni u attivitajiet illegali oħrajn huma deskritti, fost l-oħrajn, fl-Artikolu 75 tar-Regolament dwar il-Eurojust. Il-Eurojust għandha tipparteċipa b'mod partikolari fl-attivitajiet ta' prevenzjoni tal-frodi tal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi u tinforma lill-Kummissjoni mingħajr dewmien dwar każijiet ta' frodi preżunta u irregolaritajiet finanzjarji oħrajn.

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

- Linji baġitarji eżistenti

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru	Diff./Mhux diff. ¹⁵ .	mill-pajjiżi tal-EFTA ¹⁶	mill-pajjiżi kandidati ¹⁷	minn pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju
2b	071007	Diff./Mhux diff.	LE	LE	IVA	LE

- Linji baġitarji ġodda mitluba

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru	Diff./Mhux diff.	mill-pajjiżi tal-EFTA	mill-pajjiżi kandidati	minn pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju
	[XX.YY.YY.YY]		IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE

¹⁵ Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.

¹⁶ EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

¹⁷ Pajjiżi kandidati u, meta applikabbli, kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Numru	Intestatura 2b – Ninvestu fin-Nies, il-Koezzjoni Soċjali u l-Valuri
--	-------	---

Eurojust			Sena 2022	Sena 2023	Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027	TOTAL
Titolu 1: Nefqiet fuq il-persunal	Impenji	(1)	1,081	2,204	2,248	2,293	2,339	2,386	12,551
	Pagamenti	(2)	1,081	2,204	2,248	2,293	2,339	2,386	12,551
Titolu 2: Nefqiet infrastrutturali u operatorji	Impenji	(1a)							
	Pagamenti	(2a)							
Titolu 3: Nefqiet operazzjonali	Impenji	(3a)	0,500	0,510	0,520	0,530	0,541	0,552	3,154
	Pagamenti	(3b)	0,500	0,510	0,520	0,530	0,541	0,552	3,154
TOTAL tal-appropriazzjonijiet għall-Eurojust	Impenji	=1+1a +3a	1,581	2,714	2,769	2,824	2,880	2,938	15,705
	Pagamenti	=2+2a +3b	1,581	2,714	2,769	2,824	2,880	2,938	15,705

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	7	“Nefqa amministrattiva”
--	---	-------------------------

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

	Sena N	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)	TOTAL
DĠ: <.....>						

• Riżorsi Umani									
• Nefqa amministrattiva oħra									
TOTAL TAD-DĠ <.....>	Approprijazzjonijiet								

TOTAL tal-approprijazzjonijiet skont l-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	(Total ta' impenji = Total ta' pagamenti)								
---	---	--	--	--	--	--	--	--	--

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

		Sena 2022	Sena 2023	Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027	TOTAL
TOTAL tal-approprijazzjonijiet skont l-INTESTATURI 1 sa 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	1,581	2,714	2,769	2,824	2,880	2,938	15,705
	Pagamenti	1,581	2,714	2,769	2,824	2,880	2,938	15,705

3.2.2. *Impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet tal-[korp]*

- Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet operazzjonali
- Il-proposta/l-inizjattiva teħtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

Appropriazzjonijiet ta' impenn f' miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Indika l-objettivi u l-outputs			Sena 2022	Sena 2023	Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027	TOTAL						
	↓	Tip ¹⁸	Kost medju	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru totali	Kost totali
OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 1 ¹⁹ ...			Biex il-Eurojust tkun tista' taħżen, tanalizza u tippreserva evidenza fir-rigward ta' ġenoċidju, delitti tal-gwerra, u delitti kontra l-umanità u reati kriminali relatati												
- Output	Ħżin, analiżi u preservazzjoni tal-evidenza		1,581	2,714	2,769	2,824	2,880	2,938	15,705						
Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 1															
KOST TOTALI			1,581	2,714	2,769	2,824	2,880	2,938	15,705						

¹⁸ L-outputs huma l-prodotti u s-servizzi li jridu jiġu pprovduti (eż.: għadd ta' skambji ta' studenti ffinanzjati, l-għadd ta' kilometri ta' toroq mibnija, eċċ.).

¹⁹ Kif deskritt fil-punt 1.4.2. "Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi..."

3.2.3. Impatt stmat fuq ir-riżorsi umani tal-[korp]

3.2.3.1. Sommarju

- Il-proposta/l-inizjattiva ma tehtiegħ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva
- Il-proposta/l-inizjattiva tehtiegħ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

	Sena 2022	Sena 2023	Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027	TOTAL
--	--------------	--------------	--------------	--------------	--------------	--------------	-------

Aġenti temporanji (Gradi ta' AD)	0,785	1,601	1,633	1,666	1,699	1,733	9,119
Aġenti temporanji (Gradi ta' AST)	0,079	0,160	0,163	0,167	0,170	0,173	0,912
Persunal bil-Kuntratt	0,085	0,173	0,177	0,180	0,184	0,188	0,987
Esperti Nazzjonali Sekondati	0,132	0,269	0,275	0,280	0,286	0,291	1,533

TOTAL	1,081	2,204	2,248	2,293	2,339	2,386	12,551
--------------	--------------	--------------	--------------	--------------	--------------	--------------	---------------

Rekwiżiti tal-persunal (FTE):

	Sena 2022	Sena 2023	Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027	TOTAL
--	--------------	--------------	--------------	--------------	--------------	--------------	-------

Aġenti temporanji (Gradi ta' AD)	10	10	10	10	10	10	10
Aġenti temporanji (Gradi ta' AST)	1	1	1	1	1	1	1
Persunal bil-Kuntratt	2	2	2	2	2	2	2
Esperti Nazzjonali Sekondati	3	3	3	3	3	3	3

TOTAL	16	16	16	16	16	16	16
--------------	-----------	-----------	-----------	-----------	-----------	-----------	-----------

Id-dati tar-reklutaġġ huma ppjanati għal nofs is-sena 2022. Ma saru l-ebda suppożizzjonijiet għall-koeffiċjent ta' korrezzjoni applikabbli għan-Netherlands, u żieda potenzjali biss ta' 2 % għall-indiċjar tas-salarji.

Dettagli taż-żieda fil-persunal:

Objettiv speċifiku	Persunal addizzjonali
<p>Objettiv speċifiku Nru 1: Biex il-Eurojust tkun tista' taħżen, tanalizza u tippreserva evidenza fir-rigward ta' ġenoċidju, delitti tal-gwerra, u delitti kontra l-umanità u reati kriminali relatati</p>	<p>3* Huma meħtieġa Esperti dwar il-Kooperazzjoni Ġudizzjarja biex jiżguraw sfond ta' prosekuzzjoni u għarfien dirett dwar is-sistema/i ġudizzjarja/i rilevanti u l-istandards ta' ammissibbiltà tal-evidenza.</p> <p><i>FTEs stmati meħtieġa – FTEs addizzjonali li għandhom jiġu rreklutati kull sena (mhux kumulattivi):</i> 2022: +3</p>
	<p>3 * Huma meħtieġa Ġuristi Lingwisti biex jiżguraw ħiliet lingwistiċi rilevanti biex jappoġġaw it-traduzzjonijiet u l-analiżi tad-<i>data</i>.</p> <p><i>FTEs stmati meħtieġa – FTEs addizzjonali li għandhom jiġu rreklutati kull sena (mhux kumulattivi):</i> 2022: +3</p>
	<p>3* Huma meħtieġa Analisti biex jiġġestixxu l-volum kbir ta' <i>data</i> mistenni, biex jappoġġaw l-estrazzjoni tad-<i>data</i> u l-istrutturar tal-informazzjoni mid-dikjarazzjonijiet tax-xhieda u tal-vittmi.</p> <p><i>FTEs stmati meħtieġa – FTEs addizzjonali li għandhom jiġu rreklutati kull sena (mhux kumulattivi):</i> 2022: +3</p>
	<p>2* Huma meħtieġa Esperti Legali biex jiżguraw għarfien espert fir-reati kriminali internazzjonali l-aktar serji u l-irkupru tal-assi.</p> <p><i>FTEs stmati meħtieġa – FTEs addizzjonali li għandhom jiġu rreklutati kull sena (mhux kumulattivi):</i> 2022: +2</p>
	<p>2* Huma meħtieġa Uffiċjali tas-Sigurtà tal-ICT biex jiġġestixxu u jimmitigaw ir-riskju ta' attacchi ċibernetiċi.</p> <p><i>FTEs stmati meħtieġa – FTEs addizzjonali li għandhom jiġu rreklutati kull sena (mhux kumulattivi):</i> 2022: +2</p>
	<p>1* Huwa meħtieġ Uffiċjal ta' Kollegament tal-QKI biex jikkoordina r-relazzjoni u l-operazzjonijiet mal-QKI</p> <p><i>FTEs stmati meħtieġa – FTEs addizzjonali li għandhom jiġu rreklutati kull sena (mhux kumulattivi):</i> 2022: +1</p>
	<p>1* Huwa meħtieġ Uffiċjal ta' Kollegament tal-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili (OSC) biex jikkoordina r-relazzjoni u l-operazzjonijiet mal-OSC</p> <p><i>FTEs stmati meħtieġa – FTEs addizzjonali li għandhom jiġu rreklutati kull</i></p>

	<i>sena (mhux kumulattivi):</i> 2022: +1
	1* Huwa meħtieġ Uffiċjal ta' Appoġġ Amministrattiv biex jiġġestixxi il-kompiti kollha ta' appoġġ amministrattiv.
	<i>FTEs stmati meħtieġa – FTEs addizzjonali li għandhom jiġu rreklutati kull sena (mhux kumulattivi):</i> 2022: +1

3.2.3.2. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani għad-DĠ prinċipali

- Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani.
- Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

L-istima trid tiġi espressa f'ammonti sħaħ (jew sa massimu ta' punt deċimali wieħed)

	Sena N	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)		
• Pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u persunal temporanju)							
20 01 02 01 u 20 01 02 02 (Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni)							
20 01 02 03 (Delegazzjonijiet)							
01 01 01 01 (Riċerka indiretta)							
10 01 05 01 (Riċerka diretta)							
• Persunal estern (f'unità Ekwivalenti għall-Full-Time: FTE)²⁰							
20 02 01 (AC, END, INT mill-“pakkett globali”)							
20 02 03 (AC, AL, END, INT u JPD fid-Delegazzjonijiet)							
Linja/i baġitarja/i (speċifika) ²¹	- fil-Kwartieri Ġenerali ²²						
	- fid-Delegazzjonijiet						
01 01 01 02 (AC, END, INT – Riċerka indiretta)							
10 01 05 02 (AC, END, INT – Riċerka diretta)							
Linji baġitarji oħra (speċifika)							
TOTAL							

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu koperti mill-persunal tad-DĠ li diġà jkun assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkun ġie riassenjat fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokkazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokkazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

²⁰ AC = Persunal bil-Kuntratt; AL = Persunal Lokali; END = Espert Nazzjonali Sekondar; INT = Persunal tal-Aġenziji; JPD = Professionisti Subalterni f'Delegazzjonijiet.

²¹ Sottolimitu għall-persunal estern kopert minn approprijazzjonijiet operazzjonali (li qabel kienu l-linji “BA”).

²² Prinċipalment għall-Fondi tal-Politika ta' Koeżjoni tal-UE, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura (FEMSA).

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

Uffiċjali u persunal temporanju	
Persunal estern	

Id-deskrizzjoni tal-kalkolu tal-kost għall-unitajiet ta' FTE jenħtieġ li tiġi inkluża fit-Taqsima 3 tal-Anness V.

3.2.4. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

- Il-proposta/l-inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali.
- Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ riprogrammazzjoni tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju pluriennali.

Il-proposta teħtieġ l-użu tal-marġni mhux allokat taħt l-intestatura 2b tal-QFP kif ġejj: f'BL 07.1007 – Eurojust – fl-2022: EUR 1,581 miljun, fl-2023: EUR 2,714 miljun, fl-2024: EUR 2,769 miljun, fl-2025: EUR 2,824 miljun, fl-2026: EUR 2,880 miljun, u fl-2027: EUR 2,938 miljun.

- Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-applikazzjoni tal-istrument ta' flessibbiltà jew ir-reviżjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali²³.

Spjega x'inhu meħtieġ, billi tispjefika l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti.

3.2.5. *Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

- Il-proposta/l-inizjattiva ma tippredix kofinanzjament minn partijiet terzi.
- Il-proposta/l-inizjattiva tippredix l-kofinanzjament stmat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

	Sena N	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)	Total
Speċifika l-korp ta' kofinanzjament						
TOTAL tal-appropriazzjonijiet kofinanzjati						

²³ Ara l-Artikoli 12 u 13 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 2093/2020 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027.

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

- Il-proposta/l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.
- Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:
 - fuq ir-riżorsi proprji
 - fuq dħul ieħor
 - indika, jekk id-dħul hux assenjat għal-linji tan-nefqa

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Linja baġitarja tad-dħul:	Approprjazzjo nijiet disponibbli għas-sena finanzjarja attwali	Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva ²⁴				
		Sena N	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l- punt 1.6)
L-Artikolu						

Għad-dħul “assenjat” mixxellanju, speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

Speċifika l-metodu biex jiġi kkalkolat l-impatt fuq id-dħul.

²⁴ Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 20 % għall-kostijiet tal-ġbir.